MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2009

Citazzjoni Numru. 504/2008

**Filomena mart Lawrence Rodo u Giuseppi ahwa Grech, u Lawrence Rodo u b'digriet tal-10 ta' Lulju, 1980 l-gudizzju gie trasfuz fil-persuna ta' Carmen mart Lawrence Grima, Mario, Joan xebba u Margaret xebba ahwa Rodo, peress li fil-mori tal-kawza miet Lawrence Rodo.**

**-vs-**

**Carmelo u Francesca mart Giuseppe Pulis, ahwa Grech u b'digriet tas-16 ta' Jannar, 2009 Grace Zammit, Antonia Spagnol, Maria Zammit, Salvina Spiteri, Doris Debono, Alfred Pulis, Joseph Pulis, Eugenio Pulis, Salvatore Pulis, Emmanuela Spagnol, Rita Grech, Daniela Mifsud, Annabelle Sciberras bint Carmel Pulis, ahwa Pulis, gew awtorizzati jassumu l-atti minflok ommhom Francesca Saveria Pulis li mietet fil-mori tal-kawza.**

**Il- Qorti:**

Rat ir-rikors ta’ Filomena Rodo u Carmen, Mario, Joan u Margaret, ahwa Rodo presentat fis-16 ta’ Mejju 2008 li jghid hekk:-

“Illi, b’zewg sentenzi ta’ din l-Onorabbli Qorti tal-14 ta’ Marzu 2007 u tas-16 ta’ Jannar 2008, it-tnejn fl-ismijiet Carmelo u Francesca mart Giuseppe Pulis, ahwa Grech vs Filomena mart Lawrence Rodo u Giuseppi ahwa Grech, u Lawrence Rodo u b’digriet tal-10 ta’ Lulju 1980 l-gudizzju gie trasfuz fil-persuna ta’ Carmen mart Lawrence Grima, Mario, Joan xebba u Margaret xebba ahwa Rodo, peress li fil-mori tal-kawza miet Lawrence Rodo, kuntratt *datio in solutum* gie ddikjarat simulat permezz tal-ewwel sentenza parzjali premessa u gew assenjati l-assi socjali konjugali skond it-tieni sentenza finali;

Illi, kontestwalment ma’ dan ir-rikors, l-esponenti pprezentaw quddiem din l-Onorabbli Qorti, zewg rikorsi ohra, li bihom, in bazi ghal raguni kontemplata fl-Art. 811(b) u (l) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, qeghdin jitolbu r-ritrattazzjoni tas-sentenzi fl-ismijiet premesi, wara li qabel kollox jithassru s-sentenzi ta’ din l-Onorabbli Qorti tal-14 ta’ Marzu 2007 u tas-16 ta’ Jannar 2008;

Ghall-ahjar informazzjoni ta’ din l-Onorabbli Qorti kopja tar-rikors ghar-ritrattazjoni qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala DOK. ‘A’ u DOK. ‘B’;

Illi, l-esponenti jipprevalixxu ruhhom mill-fakultajiet ipprovduti fl-Art. 823 (2) u (4) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, u filwaqt li flimkien ma’ dan ir-rikors taghti garanzija tajba ghall-esekuzzjoni tas-sentenzi ta’ din l-Onorabbli Qorti tal-14 ta’ Marzu 2007 u tas-16 ta’ Jannar 2008 jekk ma tigix imhassra, titlob it-twaqqif tal-esekuzzjoni tal-istess imsemmijin sentenzi pendenti l-esitu tal-proceduri ghar-ritrattazzjoni msemmijin;

L-esponenti jitolbu t-twaqqif tal-esekuzzjoni tas-sentenzi ta’ din l-Onorabbli Qorti tal-14 ta’ Marzu 2007 u tas-16 ta’ Jannar 2008 in kwantu l-esekuzzjoni tal-imsemmijin

sentenzi huma ta' pregudizzju ferm akbar ghalihom milli jista' jkun it-twaqqif tal-esekuzzjoni tal-istess, ghall-atturi;

Jigi ribadit illi bis-sentenzi Taghha tal-14 ta' Marzu, 2007 u tas-16 ta' Jannar, 2008 din l-Onorabbli Qorti ddisponiet mill-assi socjali konjugali tal-konjugi Grech b'mod illi l-fond 125/126 Zabbar, li gie trasferit lill-esponenti Filomena u l-mejjet Lawrence Rodo, permezz ta' kuntratt *datio in solutum* iddatat it-18 ta' Jannar 1970 (in atti Nutar Maurice Gambin), li b'effett ta' dawn is-sentenzi gie ddikjarat simulat, issa sehmiet minnu ddivolvew fuq l-eredi kollha tal-konjugi Grech.

Illi, waqt il-mori tal-kawza, dan il-fond kien gie trasferit lil terzi (konjugi Brennan) permezz ta' kuntratt ta' bejgh u akkwist iddatat it-28 ta' April 2006 (*vide* DOK. C), fejn il-komparenti vendituri esponenti, *inter alia*, kienu ggarantew lill-kompraturi, l-pacifiku pussess tal-fond, u ghalhekk jekk ma tigix milqugha t-talba ghat-twaqqif tal-esekuzzjoni tas-sentenzi fl-ismijiet premesi, l-esponenti ser ikunu f'posizzjoni li jsofru d-danni fil-konfront tal-kumpraturi tal-fond jekk issir it-talba ghall-bejgh in subbasta mill-atturi ghar-rikavar ta' sehemhom – certament dawn id-danni huma akbar fil-valur mis-sehem li jkun dovut lill-atturi kemm il-darba t-talbiet ghat-thassir tas-sentenzi premessi ma jintlaqghux u l-eventwali ritrattazzjoni taghhom ma ssehhx jew jigu michuda;

Dan kollu evidentement imur ghal kollox kontra l-principju tal-ekonomija tal-gudizzju salvagwardjat fis-sistema guridika nostrali;

L-atturi ma huma ser isofru ebda pregudizzju jekk l-esekuzzjoni tas-sentenzi ta' din l-Onorabbli Qorti tal-14 ta' Marzu 2007 u tas-16 ta' Jannar 2008 jigu mwaqqfa pendenti l-esitu tal-proceduri ghar-ritrattazzjoni *stante* li hemm il-garanzija moghtija mill-esponenti ma' dan ir-rikors li taghmel tajjeb;

Fid-dawl tas-suespost ghalhekk ghandha tkun sodisfatta din l-Onorabbli Qorti li effettivament l-esekuzzjoni tas-sentenzi taghha tal-14 ta' Marzu 2007 u tas-16 ta' Jannar

2008 pendenti l-esitu ta’ proceduri ta’ ritrattazzjoni tal-kawza fl-ismijiet premessi ser tkun ta’ pregudizzju akbar ghalihom milli jista’ jkun it-twaqqif tal-istess sentenzi ghall-atturi;

Ghaldaqstant, l-esponenti umilment jitolbu li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna t-twaqqif tal-esekuzzjoni tas-sentenzi Taghha tal-14 ta’ Marzu 2007 u tas-16 ta’ Jannar 2008, pendenti l-esitu tal-proceduri ta’ ritrattazzjoni tal-kawza fl-ismijiet premessi ntavolati mill-esponenti b’zewg rikorsi pprezentati kontestwalment ma’ dan ir-rikors.”

Rat li permezz ta’ digriet ta’ din il-Qorti diversament presjeduta moghti fis-27 ta’ Ottubru 2008 (*fol*. 51-52) kienet michuda t-talba tar-rikorrenti kif dedotta, *stante* li ma kienx muri a sodisfazzjon tal-Qorti illi l-esekuzzjoni tas-sentenza aktarx tikkaguna pregudizju akbar lir-rikorrent milli t-twaqqif ta’ esekuzzjoni tikkaguna lill-parti l-ohra; anzi kien jidher li l-pregudizzju nholoq mill-istess rikorrenti li ttrasferew il-fond fil-mori tal-kawza.

Rat li l-istess rikorrenti permezz ta’ rikors iehor presentat fit-30 ta’ Mejju 2008 ressqu l-istess premessi u talba (bhal dawk tar-rikors taghhom tas-16 ta’ Mejju 2008) hlief li fir-rikors tat-30 ta’ Mejju 2008 ghamlu referenza biss ghas-sentenza tal-14 ta’ Marzu 2007 waqt li fir-rikors tas-16 ta’ Mejju 2008 rreferew kemm ghas-sentenza tal-14 ta’ Marzu 2007 kif ukoll ghal dik tas-16 ta’ Jannar 2008.

Illi infatti fir-rikors taghhom tat-30 ta’ Mejju 2008, ir-rikorrenti qalu hekk:-

“Illi, b’sentenza ta’ din l-Onorabbli Qorti tal-14 ta’ Marzu 2007. fl-ismijiet Carmelo u Francesca mart Giuseppe Pulis, ahwa Grech vs Filomena mart Lawrence Rodo u Giuseppi ahwa Grech, u Lawrence Rodo u b’digriet tal-10 ta’ Lulju 1980 l-gudizzju gie trasfuz fil-persuna ta’ Carmen mart Lawrence Grima, Mario, Joan xebba u Margaret xebba ahwa Rodo, peress li fil-mori tal-kawza miet Lawrence Rodo, kuntratt *datio in solutum* gie ddikjarat simulat permezz tas-sentenza parzjali premessa;

Illi, kontestwalment ma' dan ir-rikors, l-esponenti pprezentaw quddiem din l-Onorabbli Qorti, rikors iehor, li bih, in bazi ghal raguni kontemplata fl-Art. 811 (b) u (l) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, qeghdin jitolbu r-ritrattazzjoni tas-sentenza fl-ismijiet premesi, wara li qabel kollox tithassar is-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti tal-14 ta' Marzu, 2007;

Ghall-ahjar informazjoni ta' din l-Onorabbli Qorti kopja tar-rikors relattiva ghar-ritrattazjoni tas-sentenza tal-14 ta' Marzu, 2007 qieghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala DOK. A;

Illi, l-esponenti jipprevalixxu ruhhom mill-fakultajiet ipprovduti fl-Art. 823 (2) u (4) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u filwaqt li flimkien ma' dan ir-rikors taghti garanzija tajba ghall-esekuzzjoni tas-sentenzi ta' din l-Onorabbli Qorti tal-14 ta' Marzu, 2007 jekk ma tigix imhassra, titlob it-twaqqif tal-esekuzzjoni tal-istess pendenti l-esitu tal-proceduri ghar-ritrattazzjoni msemmija;

L-esponenti jitolbu t-twaqqif tal-esekuzzjoni tas-sentanza ta' din l-Onorabbli Qorti tal-14 ta' Marzu, 2007 in kwantu l-esekuzzjoni tal-imsemmija sentenza hija ta' pregudizzju ferm akbar ghalihom milli jista' jkun it-twaqqif tal-esekuzzjoni tal-istess, ghall-konvenuti;

Jigi ribadit illi bis-sentenza Taghha tal-14 ta' Marzu, 2007, din l-Onorabbli Qorti permezz ta' kuntratt *datio in solutum* iddatat it-18 ta' Jannar, 1970 (in atti Nutar Maurice Gambin) il-fond 125/126 Zabbar gie trasferit lill-esponenti Filomena u l-mejjet Lawrence Rodo, gie ddikjarat simulat;

Ili, waqt il-mori tal-kawza, dan il-fond kien gie trasferit lil terzi (konjugi Brennan) permezz ta' kuntratt ta' bejgh u akkwist iddatat it-28 ta' April, 2006 (vide DOK. B), fejn il-komparenti vendituri esponenti, *qua* esponenti *ritrattandi*, *inter alia*, kienu ggarantew lill-kompraturi, il-pacifiku pusses tal-fond, u ghalhekk jekk ma tigix milqugha t-talba ghat-twaqqif tal-esekuzzjoni tas-sentenza fl-ismijiet premessi, l-esponenti ser ikunu f'posizzjoni li jsofru d-

danni fil-konfront tal-kumpraturi tal-fond jekk issir it-talba ghall-bejgh in subbasta mill-atturi ghar-rikavar ta' sehehom – certament dawn id-danni huma akbar fil-valur mis-sehem li jkun dovut lir-ritrattaturi kemm il-darba t-talbiet ghat-thassir tas-sentenza premessa ma tintlaqax u l-eventwali ritrattazzjoni ma ssehhx jew tigi michuda;

Dan kollu evidentement imur ghal kollox kontra l-principju tal-ekonomija tal-gudizzju salvagwardjat fis-sistema guridika nostrali;

Ir-ritrattati ma huma ser isofru ebda pregudizzju jekk l-esekuzzjoni tas-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti tal-14 ta' Marzu, 2007 tigi mwaqqfa pendenti l-esitu tal-proceduri ghar-ritrattazzjoni *stante* li hemm il-garanzija moghtija mill-esponenti ma' dan ir-rikors li taghmel tajjeb;

Fid-dawl tas-suespost ghalhekk ghandha tkun sodisfatta din l-Onorabbli Qorti li effettivament l-esekuzzjoni tas-sentenza taghha tal-14 ta' Marzu, 2007 pendenti l-esitu ta' proceduri ta' ritrattazzjoni tal-kawza fl-ismijiet premessi ser tkun ta' pregudizju akbar ghar-rikorrenti milli jista' jkun it-twaqqif tal-istess sentenza ghar-ritrattati;

Ghaldaqstant, l-esponenti umilment jitolbu li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna t-twaqqif tal-esekuzzjoni tas-sentenza Taghha tal-14 ta' Marzu, 2007, pendenti l-esitu tal-proceduri ta' ritrattazzjoni tal-kawza fl-ismijiet premessi ntavolati mill-esponenti b'rikors pprezentat kontestwalment ma' dan ir-rikors."

Rat id-dokumenti esebiti mir-rikorrenti.

Rat ir-risposta tal-intimati presentata fl-24 ta' Gunju 2008 ghar-rikors tat-30 ta' Mejju 2008 li tghid hekk:-

"1. Illi preliminarjament, l-esponenti jecepixxu li r-rikorrenti diga' ntavolaw rikors iehor ghat-twaqqif tal-esekuzzjoni ta' sentenza finali li nghatat fl-istess proceduri mertu ta' dan ir-rikors fis-sittax ta' Jannar tas-sena elfejn u tmienja (16/01/2008), u li gie appuntat ghas-smigh quddiem din l-Onorabbli Qorti diversament presjeduta

(Cit. Nru. 505/2008 GV). Illi l-esponenti jisotomettu li s-smigh tar-rikors odjern ghat-twaqqif tal-esekuzzjoni tas-sentenza in parte tal-erbatax ta' Marzu tas-sena elfejn u sebgha (14/03/2007) mertu tal-istess proceduri ghandu jsir ukoll minn din l-Onorabbli Qorti kif presjeduta fis-smigh ta' dak ir-rikors ghat-twaqqif tal-esekuzzjoni tas-sentenza finali u dan ghall-fini tal-ekonomija u l-integrita' tal-gudizzju;

2. Illi fit-tieni lok, u minghajr pregudizzju ghal dak kollu fuq suespost, jinghad illi huwa ghal kollox inveritier li l-esekuzzjoni tas-sentenza in kwistjoni ser tkun ta' pregudizzju akbar ghar-rikorrenti milli jista' jkun it-twaqqif tal-istess sentenza ghall-intimati, u dan ghaliex ir-rikorrenti kienu b'qerq trasferew il-proprjeta' 125/126, Triq Santa Domenica, Zabbar mertu tal-proceduri in kwistjoni lil terzi fil-mori ta' dawn il-proceduri, meta huma, kif ser jintwera fir-risposta ghar-rikors ta' ritrattazjoni, kienu jafu ferm tajjeb li hemm proceduri ghaddejjin il-Qorti, li fihom huma mhux biss kienu rapprezentanti mill-Avukat ta' fiducja taghhom, izda kienu partecipi;

3. Illi fit-tielet lok, jinghad li r-rikorrenti kienu ghaldaqstant b'ingann ggarantew lil terzi l-pacifiku pussess tal-istess proprjeta', u *se mai* huma t-terzi kumpraturi li ser isofru pregudizzju fid-drittijiet taghhom, liema pregudizju gie kkawzat esklussivament mir-rikorrenti stes, u huwa ghal kollox indipendenti mill-agir tal-intimati. Illi ghalhekk, huma fil-fatt l-intimati li ser isofru l-akbar pregudizzju fid-drittijiet taghhom bit-twaqqif tal-esekuzzjoni tas-sentenza in kwsitjoni u dan ghaliex huma ser jigu mcahhda milli jezercitaw id-drittijiet taghhom;

4. Illi fir-raba' lok, l-esponenti jissottomettu li l-kaz kien ikun differenti li kieku r-rikorrenti verament ma kienux notifikati bil-kaz in kwistjoni, pero' tali fatt huwa eskluz meta wiehed ihares lejn il-process tal-kawza Citazzjoni Nru: 1024/74 FS, deciza fis-sittax ta' Jannar tas-sena elfejn u tmienja (16/01/2008), minn fejn jirrizulta bl-aktar mod car illi l-konvenuti kienu raprezentanti mill-avukat ta' fiducja taghhom, u li wahda mir-rikorrenti stess Filomena Rodo kienet sahansitra xehdet fl-istess proceduri wara l-

mewt ta’ zewgha u t-trasfuzjoni tal-gudizzju, u li l-istess rikorrenti kemm il-darba kienu prezenti f’dawk il-proceduri;
5. Illi ghaldaqstant ikun ghal kollox ingust, li l-intimati ghandhom isofru tali pregudizzju, li huwa hafna ikbar minn dak li *se mai* jistghu isofru r-rikorrenti, u dan ghaliex ir-rikorrenti ma jistghux jippretendu li jevalwixxu ruhhom mill-mezzi li taghti l-ligi ghall-kaz ta’ ritrattazzjoni, biex isolvu l-problemi li huma dahlu fihom permezz tal-qerq li huma wrew fil-konfront ta’ terzi, meta ggarantew il-pacifiku pussess, u ddikjaraw li ma hemm ebda litigazzjoni fuq il-proprjeta’ in kwistjoni meta kienu jafu li kien hemm kawza pendenti;

6. Illi dawn il-proceduri huma biss tentattiv sabiex ir-rikorrenti jcahhdu lill-intimati milli jezercitaw id-dritt taghhom a bazi ta’ sentenza legittima u finali u dan jidher ukoll mill-fatt li r-rikorrenti kienu ntavolaw il-kawza odjerna ghas-sospensjoni ta’ sentenza in parte meta dik is-sentenza ma setghatx tigi esegwita qabel ma tinghata s-sentenza finali, liema sentenza nghatat fis-sittax (16) ta’ Jannar tas-sena elfejn u tmienja (2008), u li giet reza esegwibbli wara li ghadda t-terminu ta’ appell:

7. B’riserva ghal kull azjzoni ohra spettanti lill-intimati peress li huma ghadhom ma gewx notifikati bil-kawza ta’ ritrattazzjoni.

Salv ragunijiet ulterjuri u bl-ispejjez.”

Rat id-dokumenti esebiti mill-intimati.

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri fl-udjenza tat-23 ta’ Frar 2009.

Rat id-digriet taghha tat-23 ta’ Frar 2009 fejn din il-Qorti halliet ir-rikors ghal provvediment.

Ikkunsidrat:-

Illi permezz ta’ zewg sentenzi moghtija llum fil-kawzi bin-numru 504/2008/1/JZM u bin-numru 505/2008/JZM it-tnejn fl-ismijiet <u>Filomena Rodo et vs Carmelo Grech et</u>,

ghal liema kawzi saret referenza mill-partijiet kif jirrizulta mill-atti, kienu michuda t-talbiet tar-rikorrenti bl-ispejjez kontra taghhom.

Illi din il-Qorti mhix sodisfatta li jirrikorru r-rekwiziti skond Artikolu 823 tal-Kapitlu 12 sabiex titwaqqaf l-esekuzzjoni tas-sentenzi ndikati mir-rikorrenti fir-rikors taghhom.

**<u>Tichad</u> it-talba tar-rikorrenti kif dedotta bl-ispejjez kontra l-istes rikorrenti.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------